MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 179/2011/1

**Carmel Graham – ID361167M**

**vs**

**Carmel u Carmen konjugi Bonnici**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju, 2013 mit-Tribunal tat-Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"It-Tribunal,*

*Preliminari*

*Ra li f'dan l-Avviz l-attur qed jitlob minghand il-konvenuti il-quantum ta' elfejn, tlett mija u tletin Ewro (€2,330), ghal danni lilu kagunati mill-konvenuti meta dawn kienu qed jaghmlu xoghlijiet fuq il-fond taghhom f'San Gwann.*

*Ra li fir-Risposta taghha il-konvenuti qed jichdu l-pretenzjoni attrici:*

*Billi huma fuq parir tal-perit taghhom offrew is-somma ta' 300 Ewro ghal hairline cracks u flok risposta ghall-proposta,ircevew l-Avviz. Ta' dak mitlub in eccess ta' 300 Ewro hu pretenzjoni fittizja. L-attur irid iressaq prova fir-rigward li juri li jekk ghandu spejjez kif jippretendi dawn gew kagunati mill-eccipjenti.*

<u>*II Provi*</u>

*1. L-attur beda biex b'nota ressaq (a fol 9 et seq) is-segwenti. Dokumenti:*

*Dokument A – Affidavit ta' Carmel Graham*

*Dokument B – Affidavit ta' Jacqueline Graham*

*Dokument C – Certifikat tal-Perit Rossignaud tas-16 ta' Lulju, 2008*

*Dokument D – Certifikat tal-Perit Rossignaud tas-16 ta' Lulju, 2008*

*Dokument E – Certifikat tal-Perit Rossignaud tal-25 ta'Marzu, 2010*

*Dokument F – Certifikat tal-Perit Andrew Ellul tal-10 ta' Gunju, 2010*

*Dokument G – Kont tal-Perit Andrew Ellul*

*Dokumenti H1 – H10 – Ritratti tal-Hsarat*

*2. Li gej hu biss suntegg ta' dak li hemm fid-dokumenti msemmija. Ghalhekk wiehed irid jirreferi ghad-dokumenti proprja.*

*3. Carmelo Graham li joqghod 34, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann, f'Mejju 2008 sar jaf li l-konvenut gar tieghu kien ser iwaqqa l-fond u jibni flats ecc. Dan sar jafu minn Avviz tal-MEPA mwahhal mal-fond. Talab lill-gar jibghat*

*perit u jiehu ritratt tal-fond tal-attur izda l-gar qal li ma kienx hemm ghalfejn ghax hu kien gentlom.*

*4. B'danakollu il-gar fis-6 ta' Lulju 2008 baghat lill-perit E.Rossignaud u kopja tar-rapport u ritratti ta' dawn qatt ma waslu, kif kien miftiehem li jsir, lill-attur hlief wara insistenza tal-avukat. Dan sar fil-25 ta'Marzu 2010.*

*5. Giet ix-xita u l-hitan bdew jixxarbu u kellu jqabbad in-nies izarmaw l-ghamara u jaghmlu plastik mal-hajt u wara jqeghdu kollox lura f'postu. Bid-damdim tal-ingenji saret ukoll hsara. Meta gibed l-attenzjoni tal-gar qallu li mhux problema u li jhallas.*

*Gibidlu l-attenzjoni li l-faccata  strahet. Il-gar qallu li hu kellem lill-perit izda meta avvicinah ir-risposta kienet li ma kien jaf b'xejn.*

*6. Meta l-attur gab bajjad, tat-tibjid tah stima ta' 800 Ewro li l-gar raha gholja u offra 300 Ewro. L-attur hawn qabbad perit privat li ghamel stima oghla. Ghal dan il-gar wiegeb li ma riedx li l-attur imur cruise minn fuq dahru.*

*7. Jacqueline Graham, mart l-attur fl-affidavit taghha tenniet fis-sustanza dak li qal zewgha (a fol. 12)*

*8. Dok C a fol. 14 hu r-rapport tal-AIC Edgar Rossignaud, datat 16 ta Lulju 2008. Dan gie esebit mill-attur u hu dwar spezzjoni tal-fond qabel bdew ix-xoghlijiet fil-fond tal-konvenut. Jghid li l-fond tal-attur huwa in a very good state throughout (enfasi tat-Tribunal) hlief ghal xi osservazzjonijiet minnu mnizzla cioe' horizontal crack u xi umdita'. Il-hajt divizorju tal-kcina miksi bil-madum u ma setax jara warajh. (Dok D a fol. 15 u simili ghad-Dok C).*

*9. Id-Dok E (a fol. 18) tal-istess Perit Rossignaud hu datat 25 ta' Marzu 2010, wara li x-xoghlijiet fil-fond tal-konvenuti (il-gar) tlestew. Dan jirrigwarda spezzjoni li l- Perit ghamel fid-dar tal-attur fil-presenza ta' dan u ta' martu. F'dan ir-rapport insibu l-konkluzjoni li gejja:-*

*From this recent inspection, it was noted that, while the above mentioned defects have become more evident, a few new hairline cracks have developed in the common party wall and also in the abutting cross-walls. Another slight and vertical crack was observed at roof level at the junction between the party wall and the facade of 'Charlene'.*

*In my opinion, the current observations described above, pose no danger at all to the occupants of the maisonette, but require to be treated to re-instate the property to a good condition. The works which should therefore be carried out in the property 'Charlene' involve minor pointing and re-painting of the affected walls in the same colour as existing today. The cost of these works should be borne by Mr. and Mrs Bonnici*

*10. Min-naha tieghu l-attur sejjah lill-Perit Andrew Ellul li wara li spezzjona l-fond hareg rapport datat 10 ta'Gunju 2010 fejn wara li elenka x-xoghol mehtieg hareg (Dok F a fol. 17) l-istima li gejja:-*
*Removal and replacement of Kitchen – Estimated at Euro 600*
*Removal and replacement of other furniture – Estimated at Euro 600*
*Plastering and Painting Work including material – Estimated at Euro 850*
*Alternative accommodation – to be coordinated in relation to the period during which the works are to be carried out- Estimated at 5-8 days Estimated at Euro 20 per person per day*

*11. Fid-Dok G a fol. 18 il-Perit Ellul hareg il-kont ghad- Dok F li naturalment jikkoncerna lill-attur.*

*12. Il-konvenut ressaq l-affidavit a fol. 31 et seq u qal li x-xoghol fil-fond tieghu sar taht is-supervizjoni tal-Perit Rossignaud li anke hareg mid-Dok CB1 sa Dok CB9. Qabel l-2008 l-attur kien stqarr mieghu li kien wasal biex idur dawra daru. Hu lest li jaghmel tajjeb ghal kull hsara kagunata lill-attur bix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond tal-konvenut. Kellu anke jirrestawrixxi hajt tal-attur li ma kienx ta' sahha bizzejjed ghal piz ta' lift u dan sar naturalment bi spejjez tal-konvenut li anke hallas ta' madum gdid mal-hajt. Gar iehor David Abela, li sofra xi hsarat ma riedx flus ghax qal li hu xorta wahda kien wasal biex idur il-propjeta' tieghu.*

*13. Fuq parir tal-Perit Rossignaud, offra lill-attur 300 Ewro. B'reazzjoni ircieva zewg ittri bl-Avukat, wahda (19/08/2010) a fol. 45 titlob 2,500 Ewro, u l-ohra (09/09/2010) titlob 3000 Ewro u huwa rrisponda billi gedded l-offerta ta' 300 Ewro. Wara ddahhal l-Avviz odjern.*

*14. Wara li xehed il-Perit Rossignaud fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2011 inhasset il-htiega li jinhatar perit mit-Tribunal u f'din l-istess seduta gie nominat l-AIC Alan Saliba.*

*15. Hawn issir referenza ghar-Rapport tal-Perit Saliba li jinsab a fol. 56 et seq, u hu munit b'ghadd ta' ritratti. Dan wasal ghall-konkluzjoni li t-talba tal-attur ghandha tintlahaq fl-ammont ridott ta' 1,445 Ewro. L-attur irrimetta ruhu ghar-Rapport tal-Perit Saliba. Il-konvenuti ressqu Nota ta' Kritika (a fol. 61 et seq) u l-attur irrisponda bin-Nota a fol. 65 et seq.*

*III Konsiderazzjonijiet*

*1. Meta wiehed isib li l-gar li jmiss mieghu jkun ser jaghmel xoghlijiet estensivi fil-fond tal-gar trid tistenna xi inkonvenjenti u sa ma dawn ma jmorrux 'l hinn mill-buon vicinat trid tiehu pacenzja. Meta izda dak li jkun igarrab hsarat, il-gar li jaghmel xoghlijiet (il-konvenuti fil-kaz odjern) irid jaghmel tajjeb ghall-hsarat imgarrba mill-iehor (l-attur fil-kaz odjern).*

*2. Hawn trid titqies hag'ohra. L-attur ma jridx jippretendi azzjoni rimejdali mill-gar li tpoggih f'qaghda ahjar milli kien qabel. Il-konvenut fl-affidavit tieghu esprima dan meta qal li ma jridx li l-attur imur cruise minn fuq dahar il-konvenuti. Is-soltu jghidu li "tat-tigiega ma tistax tippretendi dundjan". Imma min-naha l-ohra anqas ma ghandu l-gar jikkaguna danni u jehlisha hafif.*

*3. Meta nghidu dan, kulhadd jghid li hekk ghandu jkun izda meta nigu ghall-kaz partikolari ma jridx ikun hemm piki jew fittagni zejda izda biss sens komun.*

*4. Hu sfurtunat li dawn iz-zewg girien, kulhadd bil-perit tieghu ma waslux ghal soluzzjoni bonarja u waslu ghall-kontestazzjoni quddiem dan it-Tribunal.*

*5. Rinfaccjat bi provi kontrastanti u f'materja li hi teknika, it-Tribunal kellu bilfors jirrikorri ghal hatra ta' Perit fil-persuna tal-AIC Alan Saliba. Hi Gurisprudenza kostanti li l-Qorti (u allura anke t-Tribunal) ma jwarrabx konkluzjonijiet peritali jekk mhux ghal raguni serja. Raguni serja imsemmija li t-Tribunal ma jsibx fil-kaz prezenti anke wara li sema u qies dak li kellhom xi jghidu l-partijiet fuq l-istess Rapport ta' AIC Saliba.*

<u>*Decizjoni*</u>

*It-Tribunal, wara li jqis dak kollu kunsidrat hawn fuq jiddeciedi billi (1) Jilqa' t-talba attrici fl-ammont ta' 1,445 Ewro u jichadha ghall-bqija (2) Jichad l-*

*eccezzjonijiet tal-konvenuti inkwantu nkompatibbli mal-kundanna ta' hlas fil-quantum imsemmi. (3) Il-quantum ta' elf, erba mija hamsa u erbghin Ewro (€1,445) irid jithallas sa hmistax-il jum milllum b'dana li f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax millum sal jum tal-pagament effettiv u (4) Jiddeciedi li ispejjes kollha tal-kawza ikunu supportati nofs b'nofs (50:50) bejn il-kontendenti.2*

Illi minn din is-sentenza il-konvenuti appellaw fit-termini ta' aggravju wieħed illi t-Tribunal għamel interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi, senjatament tal-artikoli 1031 u 1051 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan wassal ghal nuqqas ta' konsiderazzjoni u applikazzjoni mit-Tribunal tal-prinċipju ta' minimazzjoni ta' danni.

Illi l-attur appellat jipprevalixxi ruhu mill-appell interpost u iressaq l-appell tieghu incidentali limitatament in konnessjoni mal-kap ta'l-ispejjez u dan billi jidhirlu illi kien nuqqas minn naha tal-konvenuti appellanti illi ma intlahaqx ftehim u baqghu iandempjenti. Ghalhekk huwa kellu jintavola l-proceduri odjerni. Illi jekk huwa ihallas nofs l-ispejjez tal-kawza, huwa ser jitlef kull beneficcju moghtija lilu bis-sentenza impunjata ghaliex dak li jirrikava ser ikollu jisburzah fi spejjez gudizzjarji.

Il-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti

Għall-ħabta ta' Awwissu 2008, il-konvenuti appellanti kienu ser iwaqqgħu d-dar tagħhom numru 28, Pulena, Triq R Caruana Dingli San Gwann, u minflokhom jibnu xi apartamenti u garaxxijiet.

L-attur appellat talab lill-konvenuti appellanti jibagħtulu perit ta' fiduċja taghhom biex issir spezzjoni tal-post tieghu qabel ma jinbdew ix-xogħolijiet.

Illi dan il-perit ħareġ rapport dwar l-istat tal-proprjeta, liema rapport jinsab a fol 14 u 15 tal-proċess flimkien ma’ sett ritratti. Illi wara illi tlestew ix-xogħolijiet il-Perit reġa spezzjona l-fond tar-rikorrent u irraporta dwar dan, liema rapport huwa esebiet a fol 16 ta’l-atti.

Il-perit tal-attur appellat Andrew Ellul għamel stima tal-ħsarat fl-ammont ta’ €2300. Da parti tagħhom il-konvenuti appellanti qiesu dan l-ammont bħala għoli wisq u minflok offrew lill-attur appellat is-somma ta’ 300 Ewro bħala kumpens għall-ħsarat fil-fond tiegħu. Qalu ukoll illi l-ispejjeż mitluba mill-attur appellat oltre it-tliet mitt Ewro huma eżaġerati u fittizji. L-atturi ma aċċettax din l-offerta u b’hekk inbdiet il-kawża odjerna.

Illi fl-appell minnhom interpost, l-appellanti jilmentaw illi id-danni manifestati fil-proprjeta tal-appellat kienu sa ċertu punt diġa eżistenti qabel mal-appellanti kienu biss bdew jagħmlu x-xogħolijiet ta’ kostruzzjoni fil-proprjeta tagħhom, u dan kif jidher mir-rapport tal-Perit Rossignaud li kien spezzjona l-fond qabel ma bdew l-imsemmija xogħolijiet. Huma jgħidu illi kwalunkwe xogħolijiet ta’ riparazzjoni jew manutenzjoni illi kellu jsir wara li seħħ il-kostruzzjoni tal-proprjeta tagħhom kienu ta’ natura identika għal dawk ix-xogħolijiet ta’ riparazzjoni u manutenzjoni illi kellu bżonn jagħmel l-appellat anke sa minn qabel mal-appellanti kienu bdew ix-xogħolijiet tagħhom. L-appellanti jgħidu illi t-Tribunal kellu jattribwixxi grad ferm ogħla ta’ responsabbilita lill-appellat. Jgħidu ukoll illi l-grad ta’ 10% ta’ responsabbilita ma ġietx applikata għall-oqsma kollha relevanti iżda biss għal “Plastering and Painting including Material.” Illi di piu’ jilmentaw illi t-Tribunal naqas milli jikkunsidra u japplika l-prinċipju tal-obbligu ta’ minimazzjoni ta’ danni. Jgħidu illi l-appellat irrifjuta li l-ħaddiema tagħhom jagħmlu xogħol ta’ riparazzjoni f’daru. Dan ir-rifjut wassal għal żjieda fl-ammont ta’ danni ukoll ghaliex l-appellat ħalla diversi snin

jgħaddu qabel ma indirizza l-ħsara. Jgħidu ukoll illi is-somma ta' sitt mitt Ewro attribwita għall-ispustament u t-tpoġġija lura tal-għamara tal-apellat hija ferm eżaġerata.

Illi fir-rapport tal-Perit Edgar Rossignaud datat 16 ta' Lulju 2008 a fol 14 tal-proċess, liema rapport tħejja wara spezzjoni li saret **qabel** ma x-xogħol inbeda fil-fond tal-attur appellat, il-perit kien irrelata hekk:

***Sitting room*** *– there is a hairline horizontal crack on the party wall. b Bedroom 2 there are visible signs of dampness on the ceiling and alson ont the wall. c. Bedroom 3 There are visible signs of dampness in the external corner and on the ceiling.*

Illi imbaghad fit-tieni rapport tal-istess Perit Edgar Rossignaud, datat 25 ta' Marzu 2010 (a fol 16 tal-proċess), liema rapport tħejja wara spezzjoni li saret **wara** li x-xogħol tlesta fil-fond tal-attur appellat, dan il-perit irrelata hekk

*From this recent inspection it was noted that while the above mentioned defects have become more evident, a few new hairline cracks have developed in the common party wall and also in the abutting cross walls. Another slight and vertical crack was observed at roof level at the junction between the party wall and the facade of Charlene.*

Illi l-perit tekniku nominat mit-Tribunal, il-Perit AIC Alan Saliba. (fol 50) irrelata hekk:

*F'dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi t-tbajja mal-ħitan huma relatati ma' tixrib minn barra tal-ħajt diviżorju. Fil-parti ta' quddiem il-ħsara hija lokalizzata fil-ħames filati li kienu mikxufa li wara kollox xorta kellhom jiġu mantnuti mill-intimati kemm qabel u kif ukoll waqt l-iżvilupp. Il-konsenturi*

*huma dovuti għall-iżvilupp li għamlu l-intimati billi jirriżulta illi l-maġġorparti ta' dawn il-knosenturi ħarġu wara li sar l-iżvilupp tal-intimati li jserraħ fuq il-ħajt diviżorju.*

Fil-fatt fir-rigward tat-talba għal €850 għal xogħol ta tibjid, il-perit tekniku irrelata illi din għandha titnaqqas, minħabba responsabbilita tar-rikorrenti ghal xi ħsarat illi kien hemm qabel ma bdew ix-xogħolijiet mill-intimati appellanti. Illi imbaghad fir-rigward tat-talba għal xogħol għal spustament tal-*cupboards* tal-kċina, il-perit tekniku ikkonsidra illi €300 huma suffiċjenti sabiex isiru x-xogħolijiet neċessarji. L-istess gie konstatat fir-rigward tat-talba għal tneħħija tal-għamara tas-salott u kmamar tas-sodda fejn din ukoll għandha titnaqqas minħabba l-ħsarat qabel bdew ix-xogħolijiet minn €600 għal €300.

Fir-rigward tat-talba għall-akkomadazzjoni alternattiva il-perit tekniku ċaħadha għar-raġuni, u din il-Qorti taqbel miegħu, illi mhux prassi illi waqt li jsiru xogħolijiet ta' tikħil u tibjid wieħed ifittex akkomodazzjoni alternattiva pendenti dawn ix-xogħolijiet.

Illi meta imqabbla ghalhekk ir-rapporti ta' dawn iz-zewg periti, u il-paragun maghmul minnhom tal-istat tal-fond qabel u wara li saru x-xogħolijiet u mehuda in konsiderazzjoni ukoll xi ħsarat illi ma ġewx osservati mill-Perit Rossignaud fil-*preconstruction report* u li irriżultaw lill-espert tekniku, u ċioe umdita fil-kċina u l-main bedroom, u ħsarat tal-konsenturi f'bedroom 2 u 3, din il-Qorti hija tal-fehma illi mhux il-każ li tiġi riveduta l-perizja u konsegwentment il-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu. Jinghad in tema illi "***l-opinjoni espressa minn perit jew periti nominati mill-Qorti hi dejjem parir u, kif jiddisponi espressament l-Artikolu 681 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-***

***rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha.***" ("**Constantino Gauci -vs- Annunziato Scerri *et*", Appell Civili, 15 ta' Mejju 1967**).

B' danakollu, issokta jigi pprecizat ukoll illi dawk il-konkluzjonijiet peritali ma ghandhomx jigu facilment skartati jekk fil-kumpless ma jkunux irragonevoli ("**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et*", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967**) u ma jkunux ingiebu ragunijiet li gravement ipoggu fid dubbju dik l-opinjoni teknika ("**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine*", Appell, 29 ta' Mejju 1998**);

"*Minn dawn id-decizjonijiet u dawk l-ohra li jitrattaw ukoll fuq il-portata tal-konkluzjonijiet peritali jitnissel li l-perizja hi fonti oggettiva ta' prova in kwantu ghall-accertament ta' sitwazzjoni ta' fatt li ma jkunux rilevabbli hlief bir-rikors ghal konjizzjoni teknika determinata;.... Forsi jista' jizdied illi aktar minn mezz ta' prova l-perizja hi strument ta' valutazzjoni taht il-profil tekniku ta' dawk l-elementi idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant*[1]*.*"

Premess dan, il-Qorti thoss illi t-Tribunal għamel sewwa illi uniforma ruhhu ghall-parir tal-espert taghha, kemm ghaliex hu ma ghandux l-formazzjoni necessarja tan-natura teknika tal-materja, kif ukoll ghar-raguni illi l-esposizzjoni tal-motivazzjoni dedotta fir-relazzjoni ghandha forza perswasiva u konvincenti u din bl-ebda mod ma giet skossa b' ragunijiet li gravement iqeghdu fid-dubbju dik l-istess motivazzjoni u opinjoni teknika;

In oltre, in linea mal-Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 iccitat mill-appellanti, li jiddisponi *"Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu",* il-

[1]Appell Civili Numru. 3/2005 Paul Cutajar vs Bugeja Marbles Ltd tal-10 ta' Jannar, 2007

konvenuti għandhom jinżammu responsabbli għall-ħsarat illi ġarab l-attur fil-fond tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, fejn il-konvenuti appellant jgħidu illi t-Tribunal naqas milli japplika l-prinċipju tal-minimazzjoni tad-danni, jingħad dan li ġej.

Il-konvenuti appellanti jgħidu illi l-attur appellat naqas milli jippermetti l-ħaddiema tagħhom jagħmlu x-xogħolijiet ta' riparazzjoni. Jgħidu ukoll illi l-attur appellat ħalla ż-żmien jgħaddi qabel ma indirizza l-ħsara u l-manutenzjoni fil-proprjeta tiegħu u b'hekk il-ħsarat laħqu żdiedu.

L-**<u>Artikolu 1051</u>** jistipula dan li ġej:
***"** Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni."*

*"**Hu minnu illi di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu (Vol XL pII p653), b'mod li jista' jigi eskluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' dejjem il-fatt pero` illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara.*** **(Vol XXXVIII pI p249)**[2]."

[2] Appell Civili Numru. 616/2001/1, Percius Car Hire Limited vs Richard Schembri 20 ta' Ottubru, 2003

Jekk id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab;

"*Il-kwestjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut*"[3].

Mill-provi akkwiziti mill-process ma ngiebet l-ebda prova illi l-ispiża sabiex jissewwew il-ħsarat fil-fond tal-attur żdiedet minħabba xi nuqqas tiegħu li jimmitiga l-ħsara. Kuntrarjament għal dak li jgħidu l-konvenuti, ma jirriżultax illi għadda żmien twil minn meta spiċċaw ix-xogħolijiet sakemm ma l-attur beda x-xogħolijiet ta' riparazzjoni. Ix-xogħolijiet fil-fond tal-konvenuti appellanti spiċċaw fi Frar 2009, it-tieni rapport tal-Perit Rossignaud wara li tlestew dawn ix-xogħolijiet sar f'Marzu 2010 u l-kawa inbdiet fi Frar 2011. Jiġifieri għadda perjodu ta' anqas minn sena mid-data tat-tieni rapport tal-Perit u d-data meta infetħet il-kawża odjerna. Għal dawn ir-raġunijiet, fl-assenza ta' prova illi l-attur appellat ikkontribwixxa għal żjieda fil-kwantifikazzjoni ta' danni, dan it-tieni aggravju tal-appellanti ma jistax jigi milqugh.

Fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet, ghalhekk l-appell tal-konvenuti ma jisthoqqlux akkoljiment.

**L-Appell Inċidentali** tal-attur dwar l-kap tal-ispejjeż:

Fir-rigward tal-principji tad-dritt in materja ta' spejjez gudizzjarji jingħad dan li ġej. L-**Artikolu 223** tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li *"kull sentenza*

---

[3] "**Joseph Aquilina –vs- Emmanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1969

*definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez*". Skond id-dispost tat-tielet subinciz "*il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwestjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra*".

Hu minnu ukoll izda illi fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tezisti gurisprudenza li ma kkonsidratx ir-regoli tal-precitat dispost tal-ligi bhala talment inflessibbli li ma jippermettux temperament jew deroga minnhom, anke billi addirittura f'certi kazijiet twahhal l-ispejjez kollha lill-parti proceduralment vincenti (**Vol XLIX pI p190**). **Appell Civili Numru. 34/1999/1 20 ta' Ottubru, 2003 Raymond u Sharon konjugi Borg vs Hal Mann Limited :**

*"nulla osta in legge che la Corte d'Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato bene definito"* ***(Kollez Vol XXV pI p793).*** **Appell Civili - Ghawdex Numru. 98/2002/1 Avviz numru 98/02 GM HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004**

Il-Qrati tagħna irretenew illi ma tezisti l-ebda regola fissa. Il-konkluzjoni ghandha tkun dik li ghandhom jigu kunsidrati c-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Issa minn ezami tal-fatti kif esposti fil-process u in vista ta' dak pretiz (u ċioe l-ammont ta' €2330) u ta' dak effettivament likwidat (u ċioe s-somma ta' €1445) il-Qorti tqis li jkun aktar gust jekk l-ispejjez gudizzjarji jigu mizurati biex jirriflettu din id-disparita fiż-2/3 ghas-socjeta` konvenuta u 1/3 ghall-atturi.

Ghal dawn il-motivi. Il-Qorti filwaqt li tichad l-appell tal-konvenuti appellanti, tilqa'l-aggravju dwar l-ispejjez gudizzjarji imressaq fl-appell incidentali, b'dan

ghalhekk li l-ispejjez tal-prim istanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-terz (1/3) mill-atturi u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti appellanti. L-ispejjeż ta’ dan l-appell, inkluzi dawk ta’l-appell incidentali, għandhom jiġu sopportati kollha kemm huma mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------